

Brussell, 10 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14942/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0406(COD)**

COMER 112

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 774 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni tista' tadotta meta tiddetermina, skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi, li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' rispons biex tikkontrobatti miżura ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiż terz

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 774 final.

Mehmuż: COM(2021) 774 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2021
COM(2021) 774 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**dwar miżuri li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni tista’
tadotta meta tiddetermina, skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika
minn pajjiżi terzi, li l-Unjoni tieħu miżuri ta’ rispons biex tikkontrobatti miżura ta’
koerċizzjoni ekonomika ta’ pajjiż terz**

Sabiex pajjiżi terzi ma jitħallewx iġiegħlu lill-Unjoni jew lil Stat Membru jagħmlu għażla ta' politika partikolari, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi jipprevedi sensiela ta' risponsi possibbli tal-Unjoni għall-miżura ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terzi.¹

Qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' kontromiżura, ir-Regolament jistabbilixxi proċedura f'diversi stadji sabiex jiddiswadi lill-pajjiż terzi ikkonċernat milli jżomm il-miżura ta' koerċizzjoni ekonomika. Il-proċedura tibda b'eżami tal-miżura tal-pajjiż terzi, segwita minn determinazzjoni tal-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika u tentattiv ta' involviment kooperattiv mal-pajjiż terzi inkwistjoni. Ladarba l-Kummissjoni tkun għamlet determinazzjoni, iżda l-impenn mal-pajjiż terzi ma jkunx wassal għall-waqfien tal-miżura ta' koerċizzjoni ekonomika u riparazzjoni ta' kull dannu kkawżat lill-Unjoni jew lil Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tirreaġixxi billi tadotta att ta' implimentazzjoni, li jiddetermina li huwa meħtieġ li tittieħed miżura ta' rispons tal-Unjoni. Għadd ta' miżuri possibbli ta' rispons min-naħa tal-Unjoni huma identifikati fir-Regolament. Madankollu, biex taqdi l-iskop li tiżgura li firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' miżuri ta' rispons ikunu disponibbli għall-Unjoni biex tikkumbatti miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni tista' wkoll tieħu miżuri mhux elenkati fir-Regolament li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li kull azzjoni bħal din min-naħa tal-Kummissjoni tkun sinkronizzata u konsistenti mal-azzjoni skont ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha setgħat speċifiċi rigward l-għoti ta' finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni jista' jkollha l-kapaċità li taġixxi fir-rigward tal-finanzjament tal-Unjoni lil pajjiżi terzi li japplikaw miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika jew lil persuni maħtura skont ir-Regolament. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri taħt l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni, flimkien mal-miżuri ta' rispons potenzjali tal-Unjoni elenkati fir-Regolament, kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin jekk dawn ikunu effettivi biex iwasslu għall-waqfien ta' miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika, meta jiġi ddeterminat, skont ir-Regolament, li jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' rispons tal-Unjoni:

- Il-Kummissjoni se tikkunsidra li ma tinvolvi ruħha f'impenji finanzjarji ġodda tal-Unjoni għal programmi jew fondi skont it-termini tal-proċedura ta' implimentazzjoni baġitarja rilevanti;
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra li topponi operazzjonijiet ġodda ta' finanzjament, meta dan ikun permissibbli skont il-ftehim bejn l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u entità fdata bil-ġestjoni indiretta ta' programm;
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra li toqgħod lura milli tippromovi assistenza makrofinanzjarja għida lill-pajjiż terzi ikkonċernat skont l-Artikoli 209, 212 u 213 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u tissospendi jew tikkancela l-iżborżamenti fit-tmexxija tal-operazzjonijiet skont il-ftehimiet applikabbli;

¹ COM (2021) 775 tat-8 ta' Diċembru 2021.

- Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tissospendi jew ittemm, meta dan ikun permissibbli, kull ftehim ta' kontribuzzjoni jew garanzija bejn il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u l-entitajiet fdati li jirrigwardaw pajjiż terz ikkonċernat jew persuna deżinjata;
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra kwalunkwe miżura xierqa, inkluża s-sospenzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali² jew skont ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) jew l-istrumenti suċċessuri tagħhom³.

Fuq l-istess termini, il-Kummissjoni tista' tiegħu l-miżuri li ġejjin rigward il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment jew mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp:

- Abbażi tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investment, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-Protokoll Nru 5), il-Kummissjoni se tikkunsidra li tadotta opinjonijiet mhux favorevoli rigward applikazzjonijiet għal finanzjament lill-Bank Ewropew tal-Investment.
- Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tirrakkomanda lid-Direttur tal-Bord tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp li jirrappreżenta lill-Unjoni biex jivvota kontra l-approvazzjoni tal-finanzjament.

² Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 *ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1*).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (*ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1*).